# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Preliminari Numru: 2211

Kaz Nru. 3072/MG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Marzia Bruno (KI 41078 A)

u

Maxxcom (Malta) Limited (C 39452)

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

**<u>Chairperson: Mrs. Mary Gaerty</u>**

**Nhar il-Hamis 7 ta' Marzu, 2013**

**Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors ipprezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fl-10 t'Ottubru, 2012.

Ghar-rikorrenti, Marzia Bruno dehret l- Avv. Ann Marie Mangion. Ghas-Socjecta' ntimata dehret l-Avv.Roberta M. Buhagiar.

**Rikjesta ghall-decizjoni Preliminari**

L-ewwel seduta kellha tinzamm fit-22 ta' Novembru 2012, fil-Qrati Superjuri. Peress li l-Avv. Anne Marie Mangion ghar-rikorrenti, kellha tkun indisposta, t-Tribunal appunta l-kaz ghall-24 ta' Jannar, 2013. Meta ssejjah il-kaz dehret ir-rikorrenti assistita mill-Avv. Anne Marie Mangion. Ghas-socjeta' ntimata ma deher hadd. It-Tribunal innota ukoll illi l-*pink card* tan–notifika lis-socjeta'giet lura *unclaimed*, u l-kaz gie differit ghall-21 ta' Frar, 2013. Ghat-tieni seduta dehret ir-rikorrenti assistita mill-Avv. Anne Marie Mangion. Ghas-socjeta' ntimata dehret l-Avv. Roberta M. Buhagiar. L-Avv. Roberta M. Buhagiar ghan-nom tas-socjeta' ntimata qajmet l-punt li l-proceduri diga bdew jinstemghu quddiem l-Onoarabbli Qorti tal-Magistrati, liema proceduri jinsabu differiti ghall-4 ta' Marzu, 2013 u ghalhekk it-Tribunal ghandu jastjeni milli jisma u jiddeciedi dwar il-proceduri a favur l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati.

**Fatti tal-kaz**

It–tieni seduta f'din il-kwistjoni tax-xoghol inzammet nhar il-21 ta' Frar, 2013 fil-Qrati Superjuri. L-Avv. Anne Marie Mangion dehret ghar-rikorrenti, filwaqt li l-Avv Roberta M. Buhagiar dehret ghas-socjeta' ntimata.

Waqt it-trattazjoni L-Avv Roberta M. Buhagiar sostniet li ghandu jigi applikat il-principju legali *lis alibi pendens,* mill-Artiklu 792 tal-Kapitolu 12 tal-Ligi Civili.

L-Avv. Anne Marie Mangion min-naha l-ohra sostniet illi l-kaz li hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa biss Mandat ta' Sekwestru u dan il-mandat Kawtelatorju ma jikkwalifikax bhala kawza.

**Decizjoni**

It-Tribunal iddecieda li jisma u jiddeciedi dan il-kaz skond l-Artikolu 75 tal–Kapitolu 452, Impieg u Relazzjonijiet Industrijali, li jaghti lil dan it-Tribunal gurisdizjoni esklussiva fuq kazijiet li jirrelataw fuq tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.
Ghaldaqstant ghandha tigi appuntata data ghal seduta biex jibdew jinstemghu x-xhieda.

**(Iffirmat)**

**Mary Gaerty**

**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**

**Ghas-Segretarju**